XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 395*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 23*
*Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju, 2009*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.15pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħat Numri 392, 393, u 394 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Park Reġjonali ta' Mġarr ix-Xini**

Preżenti fil-kamra tal-laqgħat kien hawn ukoll Mons Joseph Bezzina, Mons Anton Gauci, George Azzopardi (membri tal-Kumitat ta' Azzjoni dwar il-Park Reġjonali ta' Mġarr ix-Xini), is-Sindku ta' Sannat Philip Vella u s-Segretarju tal-Kunsill Lokali ta' Sannat Arthur Bajada.

Ic-Chairman tal-Kumitat ta' Azzjoni dwar il-Park Reġjonali ta' Mġarr ix-Xini Mons Joseph Bezzina nforma liż-żewġ Sindki u membri preżenti li din il-laqgħa ssejħet biex il-Kumitat ta' Azzjoni jispjega x-xogħol li qed iwettaq u x'hemm ipprogrammat għall-futur. Huwa qal li l-Kumitat ta' Azzjoni jiltaqa' b'mod regolari, darba fix-xahar. Wara s-Segretarju tal-Kumitat ta' Azzjoni George Azzopardi spjega fid-dettal l-andament tal-iskav li sar din is-sena kemm ta' Għar ix-Xiħ u anke dak li qed isir bħalissa fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. Huwa qal li dak ta' Għar ix-Xiħ qed joqrob lejn it-tmiem u għalhekk mistenni li s-sena d-dieħla jkun lest.

Mons Bezzina enfasizza fuq il-bżonn li l-Kunsilli Lokali jaħsbu biex ikolna Site Interpretation Center biex f'dan il-post anke jitpoġġew affarijiet li nstabu u li huma ta' valur storiku kbir. Bħalissa dawn qed jinżammu fil-Mużew tal-Arkeoloġija. Uħud mill-oġġetti li nstabu f'Għar ix-Xiħ imorru lura sas-sitt seklu QK. Oġġetti oħra jaslu sat-tielet seklu WK u għalhekk dawn jindikaw li dawn l-inħawi kienu ferm attivi f'dawk iż-żminijiet. George Azzopardi qal li se jiġbor stima biex issir il-konservazzjoni tal-oġġetti misjuba u b'hekk jitnaddfu u jiġu konservati bl-aħjar mod possibbli.

Mons Bezzina staqsa lis-Sindku tax-Xewkija dwar f'hiex waslet l-applikazzjoni tal-Ġnien ta' Blankas fejn hemm żewġ kmamar li jistgħu jintużaw bħala Interpretation Center. Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-permess ġie approvat u jonqos biss li nirċievuh peress li l-Kunsill ħallas il-garanzija bankarja mitluba mill-Mepa ftit tal-ġimgħat ilu. Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill għamel żewġ

applikazzjoniet għall-fondi mill-EU (Measurements 313 u 323) u għalhekk jekk dawn l-applikazzjonijiet jiġu aċċettati, dan il-proġett ikun jista' jsir fi żmien qasir.

Is-Sindku ssuġġeriet sabiex tittella' esibizzjoni bl-affarijiet li nstabu fejn anke ninfurmaw lill-pubbliku inġenerali x'qed isir. George Azzopardi, filwaqt li qabel li għandha ssir esibizzjoni, ippropona li din issir aktar tard meta l-iskav ikun lest. Dan għar-raġuni li l-iskav ta' Għar ix-Xiħ wasal fl-aħħar fażi tiegħu u għalhekk meta jitlesta l-oġġetti kollha li jinstabu jkunu jistgħu jiġu esibiti bid-dettalji tagħhom kollha. Kulħadd qabel li jibdew minn issa l-preparamenti biex din l-esibizzjoni tkun tista' ssir. Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill qed jaħdem fuq żewġ kotba dwar mixjiet fix-Xewkija li jinkludu l-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Is-Sindku għamlet wkoll kuntatti mal-Malta Professional Guides Association li wrew interess f'dan il-proġett biex iġibu gruppi ta' turisti jżuru l-park reġjonali ta' Mgarr ix-Xini.

Dwar il-kmamar li hemm fi Ġnien Ta' Blankas, sar suġġeriment jekk hux possibbli li jiżdiedu kmamar oħra biex ikun hemm aktar spazju għall-Interpretation Center. Sar qbil li aktar 'l quddiem napplikaw għall-permess.

Fl-aħħar tal-laqgħa s-Sindki ta' Sannat u Xewkija rringrazzjaw lill-membri kollha tal-Kumitat ta' Azzjoni tax-xogħol li qed iwettqu u anke għal din il-laqgħa ta' informazzjoni.

## 2. Mill-Minuti 393, Materja oħra - iv

Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Hubert Saliba dwar x'effett kellhom il-bins on wheels li tpoġġew fi żmien il-festa fi Triq Arc Ciantar/Triq San Pawl. Il-Kunsillier Saliba qal li ma tantx kienu effettivi u kien hemm ħafna ħmieġ fil-jiem tal-festa peress li ma kienx qed isir tindif regolarment. Is-Sindku qalet li hi wkoll innotat li l-Kuntrattur matul il-ġimgħa tal-festa ma naddafx b'konsegwenza li fi żmien il-festa kien hawn ħafna ħmieġ. Il-Kunsilliera l-oħra qalu li huma wkoll innutaw li ma kienx qed isir tindif. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ma jistax ikompli mingħajr ma jingħata s-servizz. Is-Sindku qalet ukoll li fid-dawl tal-kompetizzjonijiet tal-kampanja dwar it-tindif, ir-raħal tagħna ma setax jitlef l-opportunita li jirbaħ xi premju minħabba in-nuqqas ta' servizz mogħti mill-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li għandna nagħtu spinta biex ir-raħal kollu jinżamm nadif kif kien fil-passat. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li t-toroq tal-inħawi fejn joqgħod hu lanqas huma nodfa. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu ittra lill-kuntrattur Xewkija Tigers FC u nwissuhom dwar dawn in-nuqqasijiet minn naħa tagħhom. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li noħorġu sejħa għall-offerti ġdida peress li l-kuntratt li għandna jagħlaq fil-15 ta' Settembru 2009. Għalhekk flokk inġeddu l-kuntratt li għandna, noħorġu sejħa ġdida għall-offerti. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv se jagħmel ix-xogħol meħtieġ biex toħroġ din is-sejħa għall-offerti. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li biex jingħata servizz tajjeb għandna nispeċifikaw li tal-anqas il-kuntrattur li jirbaħ l-offerta irid jagħmel erbgħin siegħa xogħol fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 3. Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Chris Said

Nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju 2009, il-Kunsill kellu laqgħa mal-Onor. Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari Għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni. Preżenti kien hawn ukoll is-Sur Mark Mizzi. Minn naħa tal-Kunsill kien hawn preżenti s-Sindku, l-Kunsillieri Teddy Mizzi u Hubert Saliba u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Marthese Portelli kienu nfurmaw lis-Segretarju li ma setgħux jattendu.

Is-Sindku u l-membri preżenti taw merħba lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said. Is-Sindku rringrazzjat lil Onor. Said tal-interess li ħa dwar il-Proġett ta' Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini fejn anke ser iżur l-iskav li qed isir bħalissa fl-istess wied. L-Onor. Said wiegħed li fejn huwa possibbli jgħin lill-Kunsill biex iwettaq dan il-proġett. Is-Sindku pproponiet li peress li hawn ħafna nuqqas ta' ilma anke għat-tisqija, forsi jkun possibbli li napplikaw għall-fondi mill-EU sabiex jitnaddaf il-wied u jibda jintuża għal dan il-għan b'konnessjoni mal-istess proġett tal-Park Reġjonali. L-Onor. Chris Said qal li nistgħu naraw jekk hux possibbli li nġibu fondi għal dan il-għan.

L-Onor. Chris Said staqsa dwar x'jaħseb il-Kunsill dwar l-iskemi għall-fondi speċjali. F'dan il-ħin issemma l-fatt li qed niltaqgħu ma' problemi biex napplikaw għal dawn il-fondi peress li qed jintalab li jkun hemm permessi tal-Mepa meta kulħadd jaf li l-permessi jdumu biex jiġu akkwistati. Issemmew l-applikazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-iskema għall-aċċessibilta. Il-Kunsill applika dwar Ġnien il-Ħaddiem u dwar il-latrina pubblika tal-pjazza biex ikunu aktar aċċessibbli. L-Onor Chris Said qal li l-importanti li jkun hemm l-applikazzjoni mal-Mepa u għalhekk l-applikazzjoni tagħna għal din l-iskema għandhom jiġu aċċettati. Wara li ssir l-għażla, jekk l-applikazzjonijiet tagħna jiġu magħżula biex jieħdu l-fondi, ix-xogħlijiet iridu jsiru wara li jinkisbu l-permessi tal-Mepa.

L-Onor. Said informa lill-Kunsill li l-Liġi tal-Kunsilli kif emendata wara l-proċess tar-riforma għandha tidħol fis-seħħ f'Settembru li ġej. Huwa informa lill-Kunsill li l-ħaddiema taħt l-iskema tal-ETC mistennija jibdew jaħdmu mal-Kunsilli fil-ġimgħat li ġejjien. Huwa qal li dawn il-ħaddiema u anke l-ħaddiema tal-IPSL ser ikollhom l-inspectors fuqhom biex jiżguraw li qed isir ix-xogħol meħtieġ minnhom.

Is-Sindku nfurmat lis-Segretarju Parlamentari dwar nuqqas ta' nformazzjoni li għandu l-Kunsill dwar il-proġett ta' Triq Mġarr li ser isir mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill bagħat diversi ittri lill-Awtoritajiet konċernati iżda qatt ma ngħata risposta. Il-Kunsill qed jitlob li ssir laqgħa biex jaħmel il-proposti tiegħu dwar dan il-proġett speċjalment dwar traffic management. L-Onor. Chris Said qal li se jagħmel il-kuntatti neċessarji biex il-perit responsabbli minn dan il-proġett jiltaqa' mal-Kunsill u jiġu diskussi l-problemi u proposti li għandu l-Kunsill.

Is-Sindku nfurmat lill-Onor. Chris Said bi problema oħra simili din id-darba dwar il-Librerija Pubblika. Dwar din il-librerija pubblika hemm applikazzjoni mal-Mepa. Il-Kunsill ilu jitlob informazzjoni lill-Awtoritajiet konċernati iżda ħafna drabi dan il-proġett qed jitħalla jaqa' lura. L-Onor. Said qal li se jagħmel il-kuntatti meħtieġa biex il-proċess jitkompla kemm jista' jkun malajr.

Problema oħra diskussa kienet dwar iz-zona industrijali. Hawnhekk ukoll minkejja li l-Kunsill talab kemm 'il darba għall-informazzjoni fuq iz-zona industrijali, qatt ma ngaħtaw sodisfazzjon. Il-Kunsill ilu s-snin jilmenta dwar l-indafa fl-istess zona industrijali u dwar xogħlijiet ta' tiswija ta' toroq li ħafna drabi jispiċċa jagħmilhom il-Kunsill stess. Is-Sindku qalet li mhux ġust li l-Kunsill jirċievi diversi lmenti meta din iż-żona mhix kompetenza tiegħu. L-Onor. Said informa lill-Kunsill li kien se jikkuntattja lill-Perit li ser ikun responsabbli minn xogħlijiet li ser isiru fiz-zona industrijali tax-Xewkija biex jiltaqa' mal-Kunsill u b'hekk jinfurmah dwar x'inhu propost li jsir. Dwar it-tindif, l-Onor. Said qal li fi ftit ġimgħat oħra dan

is-servizz se jingħata b'offerta u għalhekk din il-problema tiġi solvuta. Is-Sindku awgurat li dan il-proċess jinħeles kemm jista' jkun malajr peress li din l-offerta ilha se tingħata għal dawn l-aħħar sentejn.

Fl-aħħar tal-laqgħa s-Segretarju Parlamentari rringrazzja lis-Sindku, Kunsillieri u lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol siewi li qed iwettqu b'risq il-lokalita' tax-Xewkija.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Onor. Chris Said kien bagħat emails lill-Kunsill fejn diġa għandna konfermat li ser issir laqgħa mal-Perit Walter Portelli dwar il-proġett ta' Triq Mġarr. Aktar 'l quddiem għandna nirċievu appuntament minn għand il-Perit John Rizzo Naudi biex jinformana dwar ix-xogħlijiet fiz-zona industrijali.

**<u>4. Quarterly Financial Reports</u>**

Il-Quarterly Financial Reports Jannar - Marzu 2009 u April – Ġunju 2009 kienu tqassmu minn qabel. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dawn ir-rapporti finanzjarji.

**<u>5. Attivitajiet – Festa San Ġwann Battista Qtugħ ir-Ras</u>**

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fl-okkażżjoni ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras. Kif sar is-sena l-oħra għall-ewwel darba, din is-sena wkoll ser isir programm ta' attivitajiet b'koperazzjoni mal-Arċipriet. Is-Sindku qalet li diġa kellha laqgħa mal-Arċipriet u Għaqdiet oħra dwar l-attivitajiet li se jittellgħu. L-attivitajiet jinkludu tiġrijiet tradizzjonali tal-ponies, ikla tradizzjonali u varjeta, attivitajiet sportivi, il-wirja tal-annimali kif ukoll il-ħuġġieġa u anke logħob tan-nar. Il-Kunsill irid jieħu ħsieb li jorganizza l-ħuġġieġa u anke il-wirja tal-annimali. Is-Segretarju fakkar lill-Kunsill li biex issir il-wirja tal-annimali, importanti li jinġabru l-isponsors biex b'hekk din il-wirja ma tkunx ta' piż finanzjarju għall-Kunsill. Is-Sindku talbet lil membri kollha biex jgħinu mill-aħjar li jistgħu. Il-Kunsillier Teddy Mizzi se jieħu ħsieb l-armar li jrid isir għall-wirja filwaqt li l-Kunsillier Hubert Saliba qal li se jgħin f'kull ma jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu ordnati x-xogħlijiet neċesarji biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jsiru.

**<u>6. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-16</u>**

i. Dwar il-kontijiet ta' KIP Għawdex Ltd, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jitnaqqas l-ammont ta' 5% bħala 'default'. Dan għar-raġuni li l-Kunsill kiteb diversi ittri lill-kuntrattur konċernat biex ma jibdix il-ġbir tal-iskart qabel it-8.00am iżda huwa xorta qed jibda ftit minuti wara s-7.00am. Dan qed ikun ta' nkonvenjent kbir għar-residenti speċjalment dawk anzjani peress li jkun kmieni ħafna għalihom biex joħorġu l-iskart f'dawk il-ħinijiet.

**<u>7. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**
**Mill-Korrispondenza**

i. Ms Gemma Debono infurmat lill-Kunsill li l-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill għandhom jiġu approvati u m'għandhomx jitħallew pendenti minn laqgħa għall-oħra. Il-Kunsill, illum diġa approva l-Minuti li kien hemm pendenti u qabel li fil-futur il-Minuti tal-

laqgħa għandhom jiġu approvati fil-laqgħa li jkun imiss. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li hi kienet titlob biex jiġu approvati darb'oħra peress li meta l-Kunsilliera kienu jiġu mistoqsija jekk qrawh il-Minuti, ħadd ma kien iwieġeb fl-affermattiv. Għalhekk il-Minuti kienu jiġu approvati meta possibilment kulħadd ikun qrahom. Il-Kunsill qabel unanimament li jibda josserva Art 14 (4) tas-Sitt Skeda u għalhekk il-Minuti m'għandhomx jitħallew pendenti.

ii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar korrispondenza li għaddiet mal-Uffiċjal Awtorizzat tal-Kumitat Konġunt (Gwardjani Lokali). Is-Sindku qalet li xi ħadd irresponsabbli kien tefa' skart fi Triq Tal-Ħorob ftit wara li din kienet għadha kif tnaddfet. Għalhekk l-Uffiċċjal Awtorizzat ġie infurmat dwar dan. Il-Gwardjani Lokali rnexxilhom jidentifikaw min kien tefa' dak l-iskart u għalhekk ħadu l-passi meħtieġa biex dak l-iskart jinġabar u b'hekk it-triq issa għadha nadifa.

iii. Memo 42/2009 tittratta dwar Skema għall-Inizjattivi ta' Attivitajiet. L-applikazzjoni għal din l-iskema jgħalqu nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2009. Il-membri kollha ġew imħeġġa biex joħorġu b'inizjattivi ġodda. Kopja ta' din l-memo intbgħatet lill-membri kollha permezz tal-email u għalhekk kull min għandu l-ħsieb li jorganizza xi attivita għandu jinforma lill-membri kollha tal-Kunsill u wara timtela l-applikazzjoni saż-żmien stipulat. Il-Kunsill jista' jissottometti applikazzjoni waħda.

iv. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb informa lill-Kunsilli Lokali bix-xogħol li qed iwettaq biex ikompli jippromwovi l-ktieb. Huma talbu li l-Kunsill jinnomina Kunsillier u b'hekk meta jkun hemm bżonn jagħmlu l-kuntatti miegħu. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku għandu jkun ir-rappreżentant tagħna.

v. L-Għaqda tal-Armar ta' Triq Ħamrija talbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex jiġi dekorat il-pedestal il-ġdid li jintrema fi żmien il-festa fejn l-iskola. B'referenza għal-liġi, il-Kunsill qabel unanimament li mhux possibbli jagħti din l-għajnuna. Għalhekk din l-għaqda se tiġi nfurmata dwar dan.

*(F'dan il-ħin il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li ma jistax ikompli jattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill)*

vi. Il-Kunsill irċieva petizzjoni minn għand residenti fi Triq Santa Marija fejn ilmentaw dwar l-iskip on wheels li hemm fl-istess triq u talbu biex dan jitneħħa. Meta irċevejna din il-petizzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv kien informa lill-membri kollha u kulħadd kien qabel li dan għandu jitneħħa peress li kien qed isir abbuż ta' tfigħ ta' skart fejn anke kien allegat li ntefgħu annimali mejta fih bil-konsegwenza li kien qed ikun hemm ħafna rwejjaħ. Għalhekk il-membri kollha kienu qablu li għandu jitneħħa. Sadanittant, ftit qabel ma tneħħa, is-Sindku kellha nformazzjoni dwar persuna li kienet qed tiġi minn raħal ieħor u tarmi f'dan l-iskip on wheels. Is-Sindku vverifikat dwar dan il-każ u anke kelmet lill-persuna in kwistjoni li ma ċaħditx dwar dan. Is-Sindku kellha rapport dwar xi ħadd ieħor li qed jarmi f'dan l-iskip iżda ma kellhiex dettalji dwar din il-persuna u għalhekk ma setgħetx tikkuntattjaha.

vii. Eugene Bajada kiteb lill-Kunsill fejn irringrazzjah li ta kas tal-ilment tiegħu dwar latrina pubblika ġdida fi Triq Ħamrija, fil-playing field. Peress li l-ittra li kien kiteb qabel u li fiha kien għamel diversi akkużi fil-konfront tal-Kunsill, kien għamel kopja tagħha lis-Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said, is-Sindku pproponiet li nibagħtu kopja ta' din l-ittra lill-Onor. Chris Said għall-informazzjoni tiegħu. Dan għar-raġuni li din id-darba Eugene Bajada m'għamilx kopja lis-Segretarju Parlamentari. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

viii. Andrew Farrugia u Tristan Tilney talbu lill-Kunsill biex ipoġġu flixken fuq il-bejt tal-Kunsill għall-perjodu bejn Awwissu 2009 u Frar 2010, peress li qed jagħmlu studju dwar dustfall. Dan ser ikun parti mit-teżi tagħhom għal degree fil-Biology u Chemistry. Huma bagħtu ittra iffirmata minn Prof. Alfred J. Vella, mid-Dipartiment tal-Chemistry, Universita ta' Malta, li jikkonferma t-talba tal-istudenti tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar dan u għalhekk huma se jiġu nfurmati biex meta jixtiequ jpoġġu l-fliexken fuq il-bejt tal-Kunsill.

ix. Vanni Xuereb mill-Meusac u Hilary Caruana minn Outlook Coop, infurmaw lill-Kunsill dwar il-kampanja l-Ewropa fil-Pjazza. Waħda mill-attivitajiet ta' din il-kampanja se tkun road show f'postijiet prominenti fl-irħula u Bliet kollha ta' Malta u Għawdex. Għalhekk fis-17 ta' Awissu mistennija li jkunu fil-pjazza tax-Xewkija. Huma talbu l-permess biex jingħataw spazju ta' tlett karozzi ħdejn il-knisja bejn l-4.30pm u 7.30pm. Il-Kunsill qabel li għandna nikkoperaw biex din l-attivita tkun tista' issir.

x. Micahel Saliba nforma lill-Kunsill dwar attivita ta' ġbir ta' fondi b'risq l-Arka Foundation li ser issir fit-8 ta' Awwissu 2009. Huwa talab l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li bħalma ma tajnix lill-għaqdiet lokali lanqas għandna nagħtu din id-donazzjoni.

xi. L-ADT approvat il-proposta tal-Kunsill dwar it-traffiku biex fl-HOS tal-Barmil ma jipparkjawx vetturi kbar. Il-Kunsill qabel li nordnaw it-tabelli biex jeħlu fi Triq Bennejja (malli tidħol fl-HOS) u fi Triq Tal-Ħorob.

xii. L-Onor. Dr Chris Said, informa lill-Kunsill li fil-5 ta' Awissu ser tiġi mnedija l-Kampanja ta' Tindif. Ser ikun hemm premjijiet għall-aktar lokalita nadifa. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem f'din il-kampanja u għandu jsir kull sforz possibbli biex ir-raħal tagħna jkun aktar nadif.

xiii. Id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja nforma lill-Kunsilli dwar korsijiet li jistgħu jsiru. Il-Kunsill qabel li nieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

xiv. Peress li nhar Santa Marija se tkun is-Sibt, KIP Għawdex Ltd informa lill-Kunsill li dak in-nhar mhux ser isir ġbir ta' skart. Huma jistgħu jidħlu l-għada l-Ħadd 16 ta' Awissu. Il-Kunsill qabel li s-servizz m'għandux isir la s-Sibt u lanqas il-Ħadd iżda jirritorna għan-normal it-Tnejn 17 ta' Awissu 2009. Il-Kunsill qabel ukoll li s-servizz ta' nhar ta' Sibt ta' ġbir ta' skart goff isir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Awissu flokk is-Sibt 15 ta' Awissu. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu l-avviżi dwar dawn is-servizzi.

xv. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-ETC li għall-iskema ta' ħaddiema mal-komunita kienu ser jibgħatu tnejn li huma Frank Said u Emanuel Azzopardi. Aktar 'l quddiem ser jinfurmawna minn meta se jibdew jaħdmu mal-Kunsill.

## 8. Materja oħra

i. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Joseph Borg ta' Triq Ħaġret L-Armi kien applika mal-ETC taħt l-iskema Work Trial Scheme. Huwa se jkun qed jagħmel xogħol klerikali mal-Kunsill u jitħallas mill-ETC. Il-Kunsill qabel li naċċettaw lil Joseph Borg biex jagħmel din l-esperjenza mal-Kunsill.

ii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Paul Saliba kien ilmenta dwar skart li qed jintefa' fi Triq Majmuna faċċata ta' fejn joqogħod hu. Huwa talab li jeħlu tabelli li jindikaw li ma jistax jintefa' skart f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li nwaħħlu tabelli sofor li jindikaw li ħadd ma jista' jitfa' skart u min jinqabad jeħel multa.

iii. Tony Grima ta' 29 Triq Kraba, ilmenta mal-Kunsill dwar l-iskip on wheels li hemm fi Triq Santa Marija peress li qed ikun hemm ħafna rwejjaħ. Huwa qal ukoll li qed jiġu ħafna minn barra r-raħal u jarmu fl-iskip on wheels fdalijiet tal-annimali. Dan is-suġġett diġa ġie diskuss aktar kmieni u ġie deċiż li dak l-iskip on wheels jitneħħa.

iv. Il-Kunsill qabel li s-servizz ta' ġbir ta' skart goff ta' nhar ta' Sibt għandu jitneħħa peress li issa hemm is-servizz tas-Civic Amenity Site f'Tal-Kus. Il-Kunsill qabel li noħorġu l-avviżi biex ir-residenti jkunu nfurmati dwar dan. Il-Kunsill qabel ukoll li dan is-servizz jitkompla sal-aħħar ta' Settembru u b'hekk ir-residenti jilħqu ikunu nfurmati tajjeb dwar is-C.A.S.

v. Rita Grima ta' 38 Triq Ċanga, ilmentat mal-Kunsill peress li tneħħa l-iskip on wheels ta' Triq Santa Marija. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien irċieva telefonata anonima dwar l-istess ilment. Huma t-tnejn ilmentaw li tal-iscammel qed jgħaddi kmieni wisq u għalhekk l-iskip on wheels kien utli għalihom. Il-Kunsill diġa iddiskuta aktar kmieni dwar dawn l-ilmenti. Il-kuntrattur li jiġbor l-iskart se jiġi mwissi biex jibda jgħaddi wara t-8.00am u fil-fatt il-Kunsill qabel li jagħmel default ta' 5%.

vi. Dwar il-problema ta' parking wara l-Knisja fi Triq Arc Ciantar, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-Perit Saliba se jipprepara l-pjanti meħtieġa biex nagħmlu applikazzjoni mal-ADT.

vii. Is-Segretgarju nforma lill-Kunsill li bejjiegħa li jarmaw fil-festi kienu talbu biex jarmaw meta ser isir il-Gozo Festival fil-Gozitano, fit-22 ta' Awissu. Is-Segretarju kien ikkuntattja lil Joseph Cutajar (li qed jorganizza din l-attivita) biex jara fejn l-aħjar li jistgħu jarmaw dawn il-kiosks. Joseph Cutajar kien informa lis-Segretarju li wara li kellhom laqgħa mal-Pulizija ġie identifikat post fi Triq Madonna tar-Rummiena (ftit 'l bogħod miċ-Ċimiterju lejn ta' Xħajma) fejn jistgħu jarmaw il-kiosks. Il-Kunsill qabel li għandhom jarmaw f'dawk l-inħawi. Għalhekk se jinħarġu l-permessi meħtieġa lil bejjiegħa li jiġu japplikaw.

viii. Sylvia Galea ta' Triq Ta' Ġokk ilmentat dwar l-iskip on wheels li hemm fl-istess triq ħdejn Ġnien Castelvenere. Il-Kunsill reġa' iddiskuta dwar il-problema tal-iskips on wheels u qabel unanimament li għandu jitneħħa dan l-iskip wkoll. B'hekk issa ma baqax skips on wheels.

ix. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kienet ġiet persuna tilmenta dwar skart u l-aktar metal li qed jintefa f'Tal-Ħorob. Din il-persuna xtaqet li tibqa' anonima. Kif diġa iddiskuta l-Kunsill aktar kmieni, Triq Tal-Ħorob għadha kif ġiet imnaddfa permezz tal-Kuntrattur Joseph Attard. Fil-fatt tneħħew diversi viġi ta' skart, terrapien, ħadid u materjal ieħor minn din it-triq. Dan ir-residenti ġab ritratti li juru t-triq ftit wara li tnaddfet mill-Kunsill u ritratti oħra bl-iskart (l-aktar ħadid, fdalijiet ta' karozzi) xi jiem wara li kienet tnaddfet. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna navżaw lill-Gwardjani Lokali b'dan l-ilment biex minn naħa tagħhom jieħdu l-passi meħtieġa.

x. M'Angelo Camilleri nforma lill-Kunsill dwar ktieb li se jippubblika Ġabra ta' Proża u Folklor miktuba minn missieru Lawrence Camilleri. Huwa talab l-għajnuna tal-Kunsill biex ikun jista' jippubblika dan il-ktieb. Huwa ppropona li l-Kunsill jixtri numru kotba u b'hekk ikun qed jgħinu. Il-prezz tal-ktieb ser ikun ta' €3. Il-Kunsill qabel li nixtru 25 ktieb.

xi. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill b'dawn il-laqgħat li hija attendiet biex tirrappreżenta lill-Kunsill tagħna:-

a. Fl-1 ta' Lulju 2009 attendiet għal Rural Network Conference, Ħ'Attard, Malta
b. Fis-6 ta' Lulju 2009 attendiet għal-laqgħa tas-Sindki ta' Għawdex
c. Fit-13 ta' Lulju 2009 tat merħba lill-Eċċ. Tiegħu Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex waqt iż-żjara tiegħu tal-iskav li kien qed isir f'Għar ix-Xiħ
d. Fis-16 ta' Lulju 2009 attendiet għal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-Infurzar tal-Liġi (Gwardjani Lokali)
e. Fit-22 ta' Lulju 2009 attendiet għal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar Street Lighting.

Il-Laqgħa spiċċat fl-10.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Awwissu 2009 fil-5.00pm.

Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella<br>Sindku